# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha,16 ta' April 1999**

**Numru 55**

**Citaz. numru 42/89DS**

Joseph Felice Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta' A. V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited u dawn bhala agenti tas-socjeta' assiguratrici estera Legal and General Assurance Society Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha A.B.C. Stationers & Printers Limited, u b'nota tad-29 ta' Ottubru 1991 David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Allied Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta' assikuratrici estera Legal and General Assurance Society Limited assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-attur nomine minflok Joseph Felice Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta' A. V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited peress li dan tal-ahhar m'ghadux jirrapprezenta l-imsemmija socjeta' estera

vs

Joseph Borg in rapprezentanza tal-korp morali Lyzer Transport u Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta’ Jannar 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta li:

Fid-19 ta' Jannar 1988 waslu f'Malta konsenja ta' Leather Attache Cases abbord il-vapur M/V Concord Furano li giet konsenjata lis-socjeta' A.B. C. Stationers & Printers Limited wara li giet mnizzla minn abbord dan il-bastiment mill-kumpanija The Cargo Handling Company limited u trasportata mill-korp morali Lyzer Transport b'hsarat u b'telf.

Dawn il-hsarat u telf kienu jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u tnejn u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm635.20c) liema ammont gie mhallas mill-attur lill-kumpanija A.B.C. Stationers & Printers Limited a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni u b'hekk gew surrogati fid-drittijiet tal-istess (Dokument A).

Dan id-dannu u telf gie kagunat mill-konvenuti.

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara min mill-konvenuti huwa responsabbli tad-danni u telf kagunati fl'hawn fuq imsemmija konsenja ta' Leather Attache Cases.

2. tikkundannah jew tikkundannahom jhallas jew jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u tnejn u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm635.20c) rappresentanti id-danni u telf sofferti mill-istess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-3 ta' Jannar 1989 u l-mghaxijiet mill-istess u l-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut nomine ikkonsenjaw l-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-deligenza kollha rikjesta minnhom mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Borg nomine fejn qal:

Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-eccipjent ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghal allegati nuqqasijiet, hsarat u telf imsemmija fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-12 ta' Novembru 1990 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Guido Pace Spadaro bhala perit legali u d-digriet tal-5 ta' Marzu 1999 fejn huwa gie ezonerat mill-inkarigu;

Rat il-verbali tax-xhieda li nstemghu mill-imsemmi perit legali kif ukoll id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur nomine qieghed jitlob is-somma ta' Lm635.20 in rifuzjoni tas-somma zborzata wara *claim* mis-socjeta' assigurata A.B.C. Stationers & Printers Limited rigwardanti konsenja ta' attache cases li waslet Malta fid-19 ta' Jannar 1988 u li twasslet ghand l-imsemmija socjeta' assigurata bi hsarat u telf.

In sostenn tat-talba tieghu l-attur nomine pproduca lil Sandro MicelI, manager max-Ship's Agency Department ta' Cassar and Cooper li esebixxa zewg fotokopji ta' *tally sheets* dwar merkanzija li tnizzlet minn fuq il-vapur "Concord Furano" fid-29 ta' Dicembru 1986 (Dok. SM1) u fit-28 ta' Dicembru 1986 (Dok. SM2). Billi din il-kawza tirrigwarda merkanzija li waslet Malta fid-19 ta' Jannar 1988, dawn id-dokumenti, u allura anke dak li xehed l-imsemmi Sandro Miceli dwarhom, qed jigu skartati peress li rrilevanti. Bhalma qed tigi skartata x-xiehda ta' Alfred Farrugia, prodott ukoll mill-attur nomine, li jahdem mad-Dipartiment tad-Dwana, u li qal li gie inkarigat minn Anthony Cacciottolo fl-istess Dipartiment biex ighid li mir-records tad-Dipartiment ma jirrizultax li l-vapur imsemmi kien dahal Malta f'Jannar 1988. Mhux biss ix-xiehda tieghu hija *hearsay*, izda mid-dokumenti (ED1 sa ED4) esebiti minn Emanuel Dimech ghas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. jirrizulta ampjament li l-imsemmi vapur dahal Malta.

L-ahhar xhud tal-attur nomine kien David Caruana, managing director tas-socjeta' A.B.C. Stationers and Printers Ltd, li kkonferma li l-imsemmija socjeta' kienet irceviet is-somma ta' Lm632.25 minghand is-socjeta' assiguratrici u li huwa ffirma s-*subrogation receipt* (Dok. A) anness mac-citazzjoni.

L-attur nomine qieghed jippretendi rimborz tas-somma fuq indikata minghand Joseph Abela in rapprezentanza tal-korp morali Lyzer Transport li kien it-trasportatur tal-merkanzija mill-port sa ghand l-importaturi, u mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. li, kif inhu risaput, hija s-socjeta' li tiehu hsieb il-hatt ta' merkanzija minn fuq il-vapuri fil-port. M'hemx dubju li l-attur nomine ma rnexxilux jipprova li xi hadd mill-konvenuti kien responsabbli ghall-allegat hsara u telf li dwaru s-socjeta' A.B.C. Stationers and Printers Ltd. kienet ghamlet il-*claim*. L-unika indikazzjoni ta' xi hsara u nuqqas tirrizulta mit-*tally sheet* Dok. ED1 esebit minn Emanuel Dimech. Minn hawn jirrizulta li minn fost partita ta' disa' *cartons* kien hemm *1 carton damaged and short of cargo*. Inoltre l-konvenut Joseph Borg ikkonferma li jiftakar li f'dan il-kaz il-konsenja kienet ta' *attache cases* u li kien hemm kaxxa tal-kartun wahda li kienet miftuha u b'xi *attache cases* neqsin. Xehed ukoll li qabel ma hareg il-konsenja mit-tinda, iccekkjaha mal-fizzjal tad-Dwana u anke ghoddew l-*attache cases* fil-kaxxa miftuha u sabu n-nieqes. Meta ghamel il-konsenja lil David Caruana, infurmah bin-nuqqas.

Ghalhekk l-uniku nuqqas rizultanti mill-provi huwa dak li gie registrat fuq it-*tally sheet* Dok. ED1 li huwa *joint tally* li jsir minn *tally clerk* ta' l-agenti tal-vapur li jkun wassal il-merkanzija Malta u minn *tally clerk* tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., u li allura jfisser li l-konsenja in kwistjoni tnizzlet mill-vapur bin-nieqes. Ghal dak in-nuqqas zgur li hadd mill-konvenuti ma hu responsabbli peress li l-attur nomine ma weriex li l-konsenja in kwistjoni garrbet xi telf jew hsarat waqt li kienet fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. jew waqt li kienet qed tigi trasportata mill-konvenut l-iehor Joseph Borg nomine minghand il-Cargo Handling sa ghand l-importatur.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ghalhekk tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Grazio Galea
Dep./Registratur